**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 42**
***13 ta'Novembru 2015 fl-4:30p.m.***

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-4:30p.m.

**<u>Preżenti:</u>**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |
| Sur Hubert Saliba | Kunsillier |
| Sur George Zammit | Kunsillier |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |

**<u>Uffiċjali:</u>**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

Intqghalet it-Talba

1. **<u>Approvazzjoni tal-Minuti u Quarterly raports</u>**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 41 ma kienux lesti u ghalhekk ma gewx approvati. Is-Segretarja qasmet qabel kopja tal-quarterly raports ta' Jannar-Marzu 2016 u ghalhekk dawn gew approvati.

XEWKIJA

## 2.Jum ix-Xewkija

Il-Kunsilliera prezenti qablu li terggha issir votazzjoni mill-ghaqdiet tal-Premju Gieh ix-Xewkija peress li gew zewg persuni bl-istess amount ta' punti.

Il-kunsilliera prezenti qablu ukoll li jigu amendati r-regoli tal-Premju ghas-sena 2016. Kien hemm qbil li jinkiteb li persuna wahda tista tirbah il-Premju u terga issir votazzjoni bejn dawk li jigu parita. Kien hemm qbil ukoll li ma jistghux jigu nominati zewg persuni izda jew individwu jew grupp biss.

Is-Segretarja nformat lil Kunsilliera prezenti li giet infurmata mill-OPM li l-Prim Ministru irringrazzja lill-kunsill ta' l-invit ta' Jum ix-Xewkija u jixtieq li tkun ta' success kbir. Is-Segretarja giet infurmata li minhabba impenji ohra l-Prim Ministru ma setghax ikun prezenti.

## 3. Harga Anzjani w attivita' ghat-tfal tal-Milied

Il-Kunsilliera qablu li jsir harga ghal l-anzjani b'quddiesa u ikla f'Marsalforn fejn l-anzjani jhallsu l-ammont ta' 10euro. F'din l-ikla kien hemm qbil li jingabru donazzjonijiet ghal l-Istrina 2016 u jinghataw lil President meta tigi x-Xewkija. Il-Kunsilliera prezenti qablu wkoll li jsir attivita' ghat-tfal tal-iskola Primarja tax-Xewkija bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier Domenic Zerafa issugerixxa li jsir attivita' ohra ghal dawk li ma jattendux l-iskola Primarja tax-Xewkija. Is-Sindku qal li jekk jinstabu nies li lesti jghinu f'din l-attivita' din issir. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issugerit li l-attivita' issir fit-30 ta' Dicembru u jkun hemm train u l-ERRC jaghmlu l-loghob ghat-tfal.

Il-kunsillier George Zammit skuza ruhu li ma setghax ikun prezenti meta kien hemm il-pusses ta' l-Arcipriet il-gdid u meta gie is-Sur Preca l-iskola Primarja tax-Xewkija.

**4. Agent Segretarju Ezekuttiv**

Is-Sindku nfurma lil kunsilliera prezenti li fuq xewqa tas-Segretarju Ezekuttiv Sue-Ellen Bugeja hi giet mahtura u maghzula Segretarju Ezekuttiv f'Kunsill iehor wara li kien hemm applikazzjoni. Is-Sindku u l-Kunsilliera irringrazzjaw lis-Segretarja tal-hidma kontinwa taghha fi hdan dan il-kunsill u kompla jghid li dejjem hadmet ghal gid tar-rahal tax-Xewkija. Is-Sindku kompla jghid li s-Segretarju Ezekuttiv Ruben Cassar qed jacetta li jigi nominat mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija biex iservi bhala Agent Segretarju Ezekuttiv. Il-kunsilliera qablu ma dan.

**5. Offerti**

*The Supply, installation, testing & Commissioning of the M& E services*
Il-Kunsilliera prezenti tkellmu fuq din l-offerta. Fuq talba tal-kunsilliera s-Segretarja cemplet lil Perit fuq il-progett rigward xi prezzijiet tal-BOQ. Il-Kunsilliera ser jiehdu decizjoni fil-granet li gejjien wara li tkun riveduta mill-perit tal-progett.

**6. Affarijiet Oħra**

Is-Segretarja gibet l-attenzjoni li fil-librerija kien hemm zewg towers u monitor li mhux qed jahdmu. Il-kunsill qabel li dawn ghandhom jintremaw.

Is-Sindku nfurma lill-kunsilliera prezenti li l-offerta tal-knis taghlaq fl-ahhar ta' Novembru 2015. Hu ssugerixxa li jsir extension fuq l-istess kuntrattur ta' ftit xhur ohra fuqha peress li ser isir xi bdil fis-specifications ta' l-offerta tal-Knis. Il-Kunsill qabel fuq dan.

Is-Sindku nfurma ukoll li l-Perit qed jahdem fuq specifications tal-offerta tal-bankini biex terggha tinhareg din l-offerta. Hu kompla jghid li l-Perit qed jahdem ukoll fuq specifications ghal quotations ta' repairs ta' parti minn Triq Dun Grezz Farrugia, Parti minn Triq Santa Marija u parti minn Triq ta' Gokk.

Is-Sindku kompla jghid ukoll li qed jingabru ukoll specifications ohra ghal offerta ta' Truck.

Is-Sindku infurma lil kunsilliera li qed jahdmu fuq id-dwal tal-playing field tal-Barmil.

Is-Segretarja nfurmat lil kunsill li fadlilha 90.75 siegha vacation leave. Il-Kunsill qabel ma dan peress li kien hemm dejjem xoghol li ried jintlahhaq u ma kienx possibli dejjem li tiehu VL.

.

7. **Korrispondanza: il-korrispondenza giet cirkulata u diskussa**

Mill-korrispondenza:-

i. Ittra mingħand Ruben Cassar rigward accetazzjoni biex iservi bhala Agent Segretarju fil-Kunsill Lokali tax-Xewkija
ii. Memo 30/2015- Skemadwar inizjattivi ta' attivitajiet kulturali ghall-2016 (minn Jannar sa Dicembru). Il-kunsill qabel li jigi applikat ghal Karnival 2016 u l-Fiori d'Argenta 2016. Kien hemm qbil li l-Karnival isir fuq gurnata wahda biss- il-Hadd filghodu 7 ta' Frar2016 u l-Fiori d'Argenta fit-3 u 4 ta' Settembru 2016.
iii. Kwotazzjoni minghand Alexander Bezzina rigward dog bins. Il-Kunsill qabel li jinxtraw 6 dog bins.
iv. Ittra minghand id-Dipartiment ghal Gvern Lokali rigward hatra ta' SE gdid fin-Nadur.
v. Ittra minghand Teddy Mizzi rigward kotba – The Rotonda. Il-Kunsilliera qablu li jinxtraw 10 kotba.
vi. Ittra minghand Lisa Brooke rigward laqgha fuq l-Istrina 2016. Il-Kunsillier Domnic Zerafa ser jattendi din il-laqgha.
vii. Ittra minghand Shadow Minister ghal Ghawdex Hon Chris Said rigward ringrazzjament tal-laqgha li kellu mal-kunsill Lokali tax-Xewkija.
viii. Ittra minghand Local Government Association rigward Circular LCA 53/2015- Invitation for Tree Planting
ix. Ittra minghand Moviment Kerygma dwar Premju Zaghzugh tas-Sena 2015
x. Memo 31/2015- Progetti kurrenti ta' Natura Kapitali mwettqa mill-Kunsilli Lokali.
xi. PQ 20703
xii. Memo 31/2015-Progetti kurrenti ta' natura kapitali mwettqa mill-Kunsilli Lokali.
xiii. Ittra minghand id-Dipaiment ghal Gvern Lokali dwar training seminars for ES.
xiv. Ittra minghand l-Ghaqda Dramatika tax-Xewkija dwar dram-Ix-Xhud li ma Deherx biex issir bil-kolloborazzjoni tal-kunsill. Il-kunsill qabel fuq dan.
xv. Ittra minghand Lisa Brooke rigward il-gabra ghal l-Istrina fix-Xewkija li ser tatendi l-President. Il-Kunsilliera qablu li jsir Christmas carols fil-Knisja mit-tfal ta' l-iskola u jitqassmu envelopes fid-djar biex jghatu d-donazzjonijiet taghhom go kaxxa li tkun il-Knisja.

8. **Kontijiet**

XEWKIJA

Il-kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

.

9. **<u>Ilmenti u Suggerimenti</u>**

.

10. **<u>Tmiem il-Laqgħa</u>**

Il-Laqgħa spiccat fis-6:00p.m.

Sue-Ellen Bugeja — Paul Azzopardi

Segretarju Eżekuttiv — Sindku